# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 29 ta' April, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 201/02mm**

**Borg & Aquilina Limited**

**vs**

**Saviour Dalli**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn, sebgha u ghoxrin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm2,027.14) bhala l-prezz ta' merkanzija konsistenti fi prodotti ta' l-ikel

mibjugha lill-konvenut u ikkonsenjata fuq ordni tieghu stess ghall-hanut bl-isem Salcath.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra nterpellatorja tal-15 ta' Frar, 2002, u tal-Mandat ta' Sekwestru numru 669/02, u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.